# SKART: IS-SOLUZZJONI VERA



LORNA VASSALLO
http://vassallolorna.com
www.facebook.com/lejnmaltaaaa



Nixtieq nikkumplimenta lill-awtoritajiet li implimentaw b'suċċess il-konsistenza ta' ġranet tal-ġbir ma' Malta u Għawdex kollu li, skont jien, ħalliet effett ħafna aħjar milli stennejt għalkemm inħoss li l-multi huma xi ftit eċċessivi.

F'artikli oħra ktibt dwar il-fatt li jekk il-borża s-sewda tiġi trasparenti tista' tkun imbarazzanti għal persuni li jagħmlu użu minn ċerti prodotti viżibbli u li tista' tnaqqas mid-dinjità ta' dawn in-nies.

Identifikajt ukoll ċerti problemi li jiltaqa' magħhom iċ-ċittadin li l-Gvern donnu qatt ma ta kashom s'issa. Problemi bħal meta bniedem li tefa' l-iskart 'imħallat' korrettement f'borża griża li, anke f'kas ta' safar jew forsi biex ibattal id-dar mill-iskart, ma jistax imur f'liema ġurnata jrid hu bil-borża l-griża mħallta minflok jistenna ġurnata ta' ġbir oħra. Bl-istess mod bniedem ma jistax jagħżel li jsuq u jiddisponi mill-borża tal-iskart organiku jew is-sewda mhux fil-ħinijiet tas-soltu u lanqas ma jeżisti mkien organizzat u/jew uffiċjali fejn bniedem jiddisponi minn ikel tajjeb minflok jarmih.

M'ilux, fuq ir-radju, ċempel sinjur li nemmen li verament laqat il-musmar fuq rasu rigward is-soluzzjoni perfetta għall-ġbir tal-iskart. Issuġġerixxa li l-iskart jibda jinħareġ tard filgħaxija, per eżempju mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m. u l-multi jingħataw lil min joħorġu kmieni filgħodu minflok.

Il-vantaġġi għaċ-ċittadin huma ħafna. L-ewwelnett, wara ċertu ħin jonqos it-traffiku u l-vetturi tal-iskart ma jimblokkawx it-toroq. It-tieni, ħafna nies jaħdmu sal-5.00 p.m. u jkunu d-dar wara s-6.00 p.m.. L-istess it-tfal tal-iskola. Il-probabbiltà li xi ħadd ikun il-ħin kollu d-dar filgħaxija hija ħafna akbar milli filgħodu. Il-ħin ta' filgħodu huwa qasir ħafna u filwaqt li l-ġenituri moħħhom f'li jaslu fil-ħin għax-xogħol, it-tfal moħħhom f'li jilħqu t-trasport tal-iskola. Minbarra hekk kulħadd mgħobbi nieżel it-taraġ b'iktar minn basket wieħed sakemm mhux b'xi 'pushchair' ukoll!

Dak li filgħodu jidher bħala ħaġa kbira i.e. li toħroġ l-iskart, filgħaxija jista' jsir f'ħafna aktar kumdità. Fil-fixkla ta' filgħodu faċli tinsa toħroġ l-iskart. Filgħaxija jekk wieħed jinsa joħorġu għandu aktar ċans jiftakar wara, mhux bħal meta bniedem ikun diġà wasal ix-xogħol u jkun tard wisq. Fil-ħajja mgħaġġla li ngħixu llum kull qatra tgħodd biex ittaffilna mit-tensjoni tal-ġurnata.

Minbarra hekk, il-ġbir filgħaxija jippermetti lill-familja tiekol tliet darbiet f'ġurnata u ġġemma' aktar skart qabel il-ġbir minn wara l-bieb. Speċjalment fil-każ tal-iskart organiku, s'issa l-iskart tal-Ġimgħa f'nofsinhar u filgħaxija jkollu jistenna sat-Tnejn biex jinġabar. Kieku dan jiġi ffrankat minn djar in-nies. Naturalment ukoll, l-iskart fuq il-bankini filgħodu jidher ikrah milli l-iskart filgħaxija għax ovvjament huwa ferm inqas viżibbli. Vantaġġ għal settur iżgħar tas-soċjetà hu l-fatt li għal min juża s-siġġu tar-roti l-bankini ma jiġux imblokkati bl-iskart meta jkun qed jagħmel il-qadjiet tiegħu, imma meta jkun ħafna aktar rilassat u jkollu aktar għajnuna min jimbuttah filgħaxija.

L-iżvantaġġ huwa aktar għall-awtoritajiet u huwa ovvju. Il-ħaddiema jridu jitħallsu aktar. Iżda dan mhuwiex l-akbar żvantaġġ meta wieħed jikkonsidra l-qligħ mill-multi ta' rimi ħażin taż-żibel. Aktar ħlas lill-ħaddiema jista' biss iħajjar aktar nies li jidħlu f'dan ix-xogħol speċjalment meta waħda mill-bidliet fundamentali li għandhom isiru huwa li tinbidel il-mentalità ta' kif inħarsu lejn min jiġbor iż-żibel. Jidher li ċerta bidla diġà seħħet. Tant hu hekk li għandna għaqda non-governattiva li għażlet proprju l-isem 'Żibel' biex tidentifika ruħha. Ta' dan ta' min ifaħħarhom verament.

Skont is-sit elettroniku Salaryexpert, li jibbaża l-informazzjoni tiegħu fuq stħarriġ li jsir fost il-ħaddiema, salarju ta' min jiġbor l-iskart f'Malta huwa ta' €7 is-siegħa (€14,498) flimkien ma' bonus ta' €207. Ħaddiem fil-fabbrika għadu jibda jaqla' €10,642 u min inaddaf jaqla' €11,797 jew €6 is-siegħa flimkien ma' bonus ta' €124. Dan ifisser li ħaddiem fil-qasam tal-iskart diġà jaqla' paga ogħla minn ħaddiema oħra. Iżda dejjem fil-parametri tal-liġijiet industrijali, xejn ma jeskludi li jiddaħħlu benefiċċji oħra biex jagħmlu dan ix-xogħol attraenti u ssir pubbliċità biex titneħħa ċerta stigma li teżisti.

Meta wieħed jikkonsidra l-qligħ minn multi ta' min jiddisponi ħażin mill-iskart flimkien ma' nfiq biex skart mhux miġbur tajjeb jinfired jew jiġi meqrud, allura probabbilment, apparti l-benefiċċji soċjali, pagi ogħla u kuntratti mħallsa aħjar għall-ġbir tal-iskart huma parti oħra mis-soluzzjoni.

Nixtieq li fil-ġejjieni nara proġetti pilota anke f'inħawi li huma inqas turistiċi fejn l-iskart jinġabar filgħaxija minflok filgħodu. Dan jista' jgħina nifhmu aħjar din is-soluzzjoni taħdimx u ġġegħelx 'in-nies jaderixxu aktar mar-regolamenti. Wara kollox, li nżommu pajjiżna nadif hija l-akbar prijorità.

Għal kummenti jew suġġerimenti https://www.facebook.com/lejnmaltaaaa.

